



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2013
COM(2013) 809 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Tielet rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Ukraina tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-
Liberalizzazzjoni tal-Viża**

I. Introduzzjoni

Fid-29 ta' Ottubru 2008 tnieda d-Djalogu dwar il-Viża bejn l-UE u l-Ukraina bil-għan li jiġu eżaminati l-kondizzjonijiet għall-ivvjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Ukraina lejn l-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża (VLAP)¹ ġie ppreżentat lill-Ukraina mill-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru 2010. Il-VLAP jistabbilixxi serje ta' parametri preċiżi għall-Ukraina fuq erba' 'blokok'² ta' kwistjonijiet rilevanti, bil-għan li jiġi adottat qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali (l-ewwel fażi) u għall-implimentazzjoni effettiva u sostenibbli tiegħu (it-tieni fażi).

Il-Kummissjoni ressqet rapporti b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-VLAP. L-**Ewwel Rapport ta' Progress** dwar l-implimentazzjoni mill-Ukraina tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża ġie ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2011³.

It-**Tieni Rapport ta' Progress** dwar l-implimentazzjoni mill-Ukraina tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża nħareġ fid-9 ta' Frar 2012³. F'April 2012 saret Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja li matulha ġie ppreżentat it-Tieni Rapport ta' Progress u ġew diskussi l-passi li jmiss fil-proċess.

L-Ukraina ppreżentat it-tielet rapport ta' progress tagħha fit-22 ta' Lulju ta' din is-sena u pprovdiet aġġornament fil-11 ta' Ottubru, li kienet id-data tal-għeluq għall-kunsiderazzjoni tal-iżviluppi leġiżlattivi ġodda. F'Settembru 2013 saru missjonijiet ta' evalwazzjoni fuq l-erba' blokok kollha, li kienu jinvolvu disa' esperti. Fis-27 ta' Settembru saret laqgħa tal-uffiċjali għolja mal-Ukraina.

Dan **ir-Rapport tal-Kummissjoni** huwa t-tielet rapport ta' progress dwar l-ewwel fażi tal-VLAP, li jippreżenta valutazzjoni komprensiva u kkonsolidata mill-Kummissjoni tal-progress li sar mill-Ukraina fl-issodisfar tal-parametri tal-ewwel fażi tal-VLAP fir-rigward tal-ħolqien tal-qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali.

Lil hinn mill-parametri tal-VLAP, il-kwistjonijiet relatati mar-riforma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur u tal-Ġudikatura huma mmonitorjati f'oqfsa ta' djalogu oħrajn, bħad-Djalogu Ġudizzjarju informali mniedi fi Frar 2013, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni, is-Summit, kif ukoll fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Assoċjazzjoni.

¹ Id-dokument tal-Kunsill SEC (2011) 1076 final.

² L-erba' blokok huma: (1) is-sigurtà tad-dokument, inkluża l-bijometrika; (2) l-immigrazzjoni irregolari, inkluża r-riammissjoni; (3) l-ordni pubbliku u s-sigurtà; u (4) ir-relazzjonijiet esterni u d-drittijiet fundamentali.

³ SW 2012 (10) final.

II. Valutazzjoni tal-miżuri skont l-erba' blokk tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża

Blokk 1: Is-sigurtà tad-dokumenti, inkluża l-bijometrika

Valutazzjoni ġenerali

Il-qafas leġislattiv bażiku (liġi primarja) huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu fis-seħħ. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni ġew adottati kemm għat-tnedija tal-passaporti bijometriċi konformi mal-Awtorità Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), kif ukoll għall-eliminazzjoni gradwali tal-passaporti mhux konformi mal-ICAO.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Ukraina tissodisfa l-parti l-kbira tal-parametri ffissati taħt il-Blokk 1. L-użu tal-marki tas-swaba' bħala karatteristika bijometrika obbligatorja għall-passaporti għandu jiġi kkjarifikat aktar, filwaqt li għadhom iridu jiġu adottati l-liġijiet lokali neċessarji li jistabbilixxu l-proċeduri tal-ħruġ.

Kummenti ddettaljati

- **L-adozzjoni ta' qafas legali għall-ħruġ ta' passaporti internazzjonali bijometriċi li jistgħu jinqraw minn magna b'konformità sħiħa mal-ogħla standards tal-ICAO fuq il-bażi ta' ġestjoni tal-identità sikura (ir-reġistru ċivili u d-dokumenti ta' nisel) u wara li tiġi kkunsidrata l-protezzjoni adegwata tad-dejta personali**

Fl-20 ta' Novembru 2012 ġiet adottata u implimentata liġi qafas⁴ li toħloq reġistru demografiku uniku tal-Istat u li tistabbilixxi lista tad-dejta li għandha tinġabar u tintuża sabiex jinħarġu d-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar li jagħmlu użu minn karatteristiċi ta' dejta bijometrika. Il-Liġi tintroduċi 14-il tip ta' dokument bijometriku tal-identità, tal-ivvjaġġar u tar-residenza għall-Ukraini, għal persuni barranin u għal persuni apolidi, fosthom il-passaport internazzjonali u l-passaport intern, b'tal-aħħar iservi bħala l-karta tal-identità li tintuża bħala d-dokument ta' sostenn ewlieni sabiex persuna tapplika għal passaport internazzjonali.

Il-Liġi tippreskrivi il-biċċa l-kbira tar-regoli bażiċi li jirregolaw il-ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar konformi mal-ICAO (il-prinċipju ta' dokument wieħed għal persuna waħda, in-nuqqas ta' estensjoni tal-validità, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta li jindikaw l-għanijiet li għalihom tinġabar, tinħażen u tintuża d-dejta, eċċ.). Fir-rigward tal-karatteristiċi bijometriċi li għandhom jinqabdu, il-liġi tikkwota b'mod ċar ir-ritratt diġitizzat u l-firma, iżda ssemmi l-marki tas-swaba' biss bħala element addizzjonali u fakultattiv mingħajr ebda referenza preċiża għal liema marki tas-swaba' għandhom jinġabru, u lanqas ma tindika liema eċċezzjonijiet huma meqjusa bħala xierqa u liema proċeduri għandhom jiġu segwiti. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' indikazzjoni ċara ta' liema marki tas-swaba' għandhom

⁴ Il-Liġi tal-Ukraina Nru 5492 dwar ir-Reġistru Demografiku Uniku tal-Istat u d-dokumenti li jikkonfermaw iċ-ċittadinanza tal-Ukraina, l-identità tal-persuna u l-istatus speċjali tagħha.

jinġabru u jinħażnu fil-passaport. Bl-istess mod, ir-referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-ICAO fil-liġi għandha tiġi spjegata f'aktar dettall.

Għandhom jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri tal-ħruġ u speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali — minħabba s-sospensjoni ta' dawk li ġew adottati f'Marzu 2013. Għaldaqstant, tista' tittieħed l-opportunità sabiex tiġi ssimplifikata u armonizzata l-proċedura tal-applikazzjoni.

- **L-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni li jinkludi limitu ta' żmien għat-tnedija kompleta tal-passaporti internazzjonali bijometriċi konformi mal-ICAO, inkluż fil-konsulati Ukraini barra l-pajjiż, kif ukoll għall-eliminazzjoni gradwali kompleta tal-passaporti mhux konformi mal-ICAO**

Fl-2011 diġà kien ġie adottat Pjan ta' Azzjoni għall-eliminazzjoni gradwali ta' passaporti mhux konformi mal-ICAO. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jelenka sett ta' miżuri u azzjonijiet li għandhom jitwettqu sal-24 ta' Novembru 2015 u jindika wkoll li l-eliminazzjoni sejra tiġi implimentata gradwalment kif u meta jinħarġu d-dokumenti bijometriċi, iżda ma jagħti ebda limitu ta' żmien għat-tnedija ta' dawn id-dokumenti bijometriċi.

Fir-rigward tat-tnedija tal-passaporti bijometriċi konformi mal-ICAO, fil-11 ta' Settembru 2013 ġie adottat Pjan ta' Azzjoni għall-perjodu 2013-16, li jeħtieġ li jiġi vvalutat ladarba jkun hemm traduzzjoni bl-Ingliż disponibbli.

- **L-istabbiliment ta' programmi ta' taħriġ u l-adozzjoni ta' kodiċi ta' etika kontra l-korruzzjoni mmirati għall-uffiċjali ta' kwalunkwe awtorità pubblika li tittratta l-passaporti internazzjonali, il-passaporti domestiċi u dokumenti ta' nisel oħrajn**

Is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat (SMS) fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Interni huwa l-korp responsabbli mill-ġestjoni tar-reġistru u mill-ħruġ ta' passaporti internazzjonali u dokumenti tal-identità oħrajn.

Fl-2011 diġà kien ġie adottat kodiċi ta' etika, li kien jiffoka fuq l-integrità tas-servizz ċivili, id-dikjarazzjonijiet tal-assi u r-regoli dwar l-informaturi, filwaqt li fl-2012 ġie adottat ukoll kodiċi ieħor aktar ġenerali għall-uffiċjali tal-korpi għall-affarijiet interni tal-Ukraina⁵. Għandu jiġi deċiż jekk hemmx bżonn ta' xi aġġornamenti, minħabba l-bidliet sussegwenti fil-qafas legali globali kontra l-korruzzjoni (għal aktar dettalji ara t-taqsimu dwar il-Blokk 3).

⁵ Ordni tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni tal-Ukraina Nru 155 tat-22 ta' Frar 2012 li tadotta regoli ta' mġiba u etika professjonali għall-uffiċjali tal-korpi tal-affarijiet interni tal-Ukraina. Din l-ordni tindirizza l-kwistjoni tal-konflitti ta' interess u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni.

Id-Diviżjoni ta' Kontra l-Korruzzjoni twaqqfet fi ħdan l-SMS f'April 2012 sabiex tigglieled u tipprevjeni l-korruzzjoni. Pjan ta' Azzjoni Annwali dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati ta' korruzzjoni huwa approvat mill-Kap tal-SMS.

Għalkemm ma hemm ebda taħriġ speċifiku għall-uffiċjali li jittrattaw passaporti internazzjonali, ġew żviluppanti bosta korsijiet speċjalizzati u avvanzati ta' taħriġ intern għall-uffiċjali tal-SMS b'kooperazzjoni ma' universitajiet u li bdew minn din is-sena (Ġunju 2013). Il-korsijiet jikkonsistu minn programm ta' ġimġha, jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-bijometrika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-lezzjonijiet jingħataw mid-Diviżjoni ta' Kontra l-Korruzzjoni.

Il-kontenut tagħhom jidher li huwa wieħed komprensiv u jikkontribwixxi sabiex jiżdied l-għarfien tal-impjegati taċ-ċivil dwar il-korruzzjoni u s-sanzjonijiet imposti.

L-effettività ta' dawn il-miżuri għandha tkompli tiġi vvalutata ladarba jibdedw jinħarġu d-dokumenti bijometriċi.

Blokk 2: L-immigrazzjoni irregolari, inkluża r-riammissjoni

Valutazzjoni ġenerali

Fil-qasam tal-**ġestjoni tal-fruntieri**, il-liġijiet neċessarji kollha huma fis-seħħ flimkien mal-qafas istituzzjonali, inklużi l-għoti ta' taħriġ u l-kodiċi ta' etika għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji għandu jittejjeb permezz tal-possibbiltà li l-informazzjoni tiġi skambjata fil-livelli lokali u reġjonali.

Fir-rigward tal-**ġestjoni tal-immigrazzjoni**, l-Ukraina ppreskriviet bażi komprensiva għal sistema effikaċi ta' ġestjoni tal-immigrazzjoni u l-qafas leġislativ rilevanti huwa fis-seħħ.

Fil-qasam tal-**ażil**, il-bażi leġislativa hija fis-seħħ ukoll u l-biċċa l-kbira tagħha hija konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali, għalkemm hemm bżonn ta' aktar titjib, b'attenzjoni partikolari għat-twessieġ tad-definizzjoni tal-protezzjoni sussidjarja u temporanja u d-dispożizzjonijiet dwar il-kura medika għall-persuni li jfittxu l-ażil. Il-qafas istituzzjonali, fil-biċċa l-kbira tiegħu, jinsab fis-seħħ, għalkemm għandhom jiġu allokatu aktar riżorsi għall-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni.

Kummenti ddettaljati mill-qasam tal-politika

Blokk 2 / suġġett 1 — Il-ġestjoni tal-fruntieri

- **L-adozzjoni tal-miżuri neċessarji kollha għall-implimentazzjoni tal-programm ta' infurzar tal-liġi dwar l-iżvilupp tal-fruntieri statali u r-rikostruzzjoni u l-kunċett ta' żvilupp għas-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri Statali, it-tnejn li huma għall-perjodu sal-2015, inkluż qafas legali għall-kooperazzjoni bejn l-**

aġenziji, jiġifieri bejn is-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri, l-aġenziji ta' infurzar tal-liġi u aġenziji oħrajn involuti fil-ġestjoni tal-fruntieri, u li jippermettu lis-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri jipparteċipa fid-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati transfruntiera b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha fil-qasam tal-infurzar tal-liġi

Il-qafas leġislativ diġà kien ġie implimentat, bil-Liġi dwar il-kontroll tal-fruntieri fis-seħħ sa minn Diċembru 2010 flimkien mal-emenda ta' għadd ta' partijiet oħrajn tal-leġislazzjoni u tal-liġijiet lokali. Fl-aħħar sentejn, saru biss xi bidliet żgħir fil-leġislazzjoni relatata mal-fruntieri. Waħda minn dawn il-bidliet, jiġifieri fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi ġdid tal-Proċedura Kriminali, affettwat il-kompetenza tas-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri Statali (SBGS), li tilef id-dritt tiegħu li jwettaq proċeduri kriminali preliminari, bil-kontroll proċedurali jgħaddi f'idejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur (li joħroġ l-ordni ta' kompitu). Fil-fażi tal-implimentazzjoni, jeħtieġ li jiġu kkjarifikati l-konsegwenzi preċiżi għall-kapaċitajiet tal-SBGS bħala aġenzija effettiva għall-infurzar tal-liġi li tindirizza reati kriminali transfruntiera.

Id-demarkazzjoni tal-fruntieri statali bdiet fil-fruntiera bejn l-Ukraina u r-Russja f'Novembru 2012 u kompliet tagħmel progress sostanzjali fil-fruntiera bejn l-Ukraina u l-Moldova (tant li ġiet iffinalizzata 95% ta' dik il-fruntiera, għal ammont totali ta' 1 163 km, inkluż 88% tas-segment Transnistrijan). Il-fruntiera bejn l-Ukraina u l-Moldova għandha tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2013. Sadanittant, il-ħidma fil-fruntiera mal-Belarus għadha ma bdiex, iżda f'Ġunju 2013, l-Ukraina u l-Belarus iffirmaw protokoll dwar l-iskambju ta' noti ta' rattifika dwar il-ftehim tal-fruntieri statali li kien konkluż miż-żewġ pajjiżi f'Mejju 1997. Wieħed jittama li dan id-dokument jagħti bidu għall-ħidma Prattika fuq id-demarkazzjoni tal-fruntiera bejn l-Ukraina u l-Belarus. Minkejja n-nuqqas ta' demarkazzjoni, xorta waħda jeżisti mekkaniżmu ta' kontroll tal-fruntieri, tant li l-fruntieri jinsabu taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti fuq iż-żewġ naħat tagħhom.

F'termini ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-SBGS qiegħed jiżviluppa b'mod attiv ir-relazzjonijiet tiegħu mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien u ma' atturi oħrajn fl-isfera tal-fruntieri internazzjonali. Dan ix-xogħol ta' żvilupp issokta u bħalissa qiegħed jitmexxa dejjem aktar lejn il-mira li jservi l-kooperazzjoni Prattika. Tajjeb ngħidu li sar progress konsiderevoli, b'mod partikolari fil-qasam tal-monitoraġġ konġunt tal-fruntieri abbażi tal-ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien: f'Mejju 2012 iddaħħal fis-seħħ ftehim mal-Ungerija, filwaqt li fi Frar 2012 iddaħħal fis-seħħ ftehim simili mar-Russja. Il-kooperazzjoni mal-Frontex kompliet skont il-pjan ta' kooperazzjoni ġdid għall-perjodu 2013-15 b'enfasi fuq l-operazzjonijiet konġunti, l-analiżi tar-riskju, l-iskambju ta' informazzjoni, it-taħriġ tal-persunal u l-kooperazzjoni teknoloġika.

Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji hija wieħed mill-oqsma li għadhom jeħtieġu l-attenzjoni. Ittieħdu l-ewwel passi, iżda l-kooperazzjoni effettiva bejn l-aġenziji – speċjalment l-iskambju ta' informazzjoni – għadha limitata biss għall-organizzazzjonijiet tal-ogħla livell. Huwa importanti ħafna li jiġi rikonoxxut il-valur miżjud tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, mhux biss għall-SBGS, iżda wkoll għall-awtoritajiet l-oħrajn li huma involuti fil-prevenzjoni tal-kriminalità transfruntiera u sabiex jiġi kkunsidrat bir-reqqa, inkluż mill-perspettiva legali,

jekk għadhomx jeżistu ostakoli bla bżonn. L-iskambju ta' informazzjoni fil-livell ta' bejn l-aġenziji qiegħed isir permezz ta' Ċentru ta' Analiżi u Kuntatt Virtwali, li jgħaqqad l-unitajiet speċifikati tal-SBGS, il-Ministeru tal-Affarijiet Interni, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat, is-Servizz Doganali tal-Istat, is-Servizz tas-Sigurtà u l-Aġenzija Nazzjonali tas-Servizz Ċivili, bl-SBGS jingħata r-rwol tal-koordinazzjoni. Iċ-Ċentru pproduċa rapporti analitiċi konġunti, li abbażi tagħhom, it-tmexxija tal-SBGS u s-Servizz Doganali tal-Istat qegħdin jieħdu deċiżjonijiet fl-isfera tal-protezzjoni tal-fruntieri.

- **L-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u ta' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni effettiva tagħha, inklużi limitu ta' żmien u objettivi speċifiċi għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni, tal-organizzazzjoni, tal-infrastruttura, tat-tagħmir u ta' riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri**

Ċerti dokumenti ewlenin kienu diġà fis-seħħ, bħal ngħidu aħna Strateġija li ġiet approvata fl-2006 u Pjan ta' Azzjoni mill-2007 sal-2015 bil-għan li l-SBGS jiġi ttrasformat f'aġenzija moderna tat-tip Ewropew għall-infurzar tal-liġi. F'Lulju 2012 ġie adottat test dwar ir-Riforma tal-iskwadri mobbli, filwaqt li fl-2011 ġew adottati Strateġiji ('Kunċetti') għall-gwardji marittimi u l-avjazzjoni.

Ir-riżultati miksuba jissuġġerixxu li, b'mod ġenerali, il-Kunċetti msemija qabel ġew implimentati b'suċċess (pereżempju; l-użu tal-koskritti f'doveri ta' kontroll fil-fruntieri issa ġie fi tmiemu u l-membri tal-persunal kollha tal-SBGS ingħataw kuntratt u ngħataw taħriġ speċjali sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-doveri tagħhom). Fir-rigward tal-avjazzjoni, inxtraw inġenji tal-ajru addizzjonali u l-piloti tħarrġu skont l-istandards tal-ICAO. Fir-rigward tar-riżorsi marittimi, il-proġetti tlestew (bdiet tintuża l-patrol boat 'Oral') u bħalissa qegħdin jiffasslu kunċett għdid ta' taħriġ u sistema ta' wara l-gradwazzjoni.

Bħalissa qiegħda tintuża sistema integrata ta' komunikazzjoni u informazzjoni bejn l-aġenziji imsejħa 'Arkan' għall-kontroll tal-persuni, tal-vetturi u tal-merkanzija li jaqsmu l-fruntiera statali. Din is-sistema tgħaqqad disa' ministeri u aġenziji differenti, tippermetti t-twettiq ta' attivitajiet ta' appoġġ funzjonali u informazzjoni u tagħti ċ-ċans lill-utenti tagħha jamministraw il-bażijiet ta' dejta tagħhom u jkollhom aċċess għall-bażijiet ta' dejta ta' xulxin, filwaqt li jiskambjaw l-informazzjoni b'mod protett u sigur. Għalkemm 'Arkan' diġà qiegħda topera, l-użu tagħha huwa limitat minħabba li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji mhux possibbli bejn il-livelli lokali u reġjonali.

- **Il-ħolqien ta' programmi ta' taħriġ u l-adozzjoni ta' kodiċi ta' etika kontra l-korruzzjoni speċifikament immirati għall-gwardji tal-fruntieri, għall-uffiċjali tad-dwana u għal uffiċjali oħrajn li huma involuti fil-ġestjoni tal-fruntieri**

L-Akkademja tal-SBGS kompliet ittejjeb il-livell ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet tat-taħriġ tagħha. Fir-rigward tal-istruttura istituzzjonali, twaqqaf dipartiment speċifiku fi ħdan l-SBGS bil-kompiti speċifiċi li jipprevjeni l-korruzzjoni. F'termini edukattivi, il-kurrikulu tal-Akkademja tal-SBGS jinkludi 114-il siegħa akkademika ta' studji legali dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kodiċi ta' mġiba tal-persunal responsabbli mill-ġestjoni tal-fruntieri. Hemm ukoll taħriġ speċjali f'livell avanzat għall-persunal responsabbli mill-ġestjoni tal-fruntieri.

Barra minn hekk, hemm ukoll miżuri konkreti oħrajn fis-seħħ: hemm Uffiċċju Pubbliku ta' Akkoljenza għat-talbiet li jsiru miċ-ċittadini, kif ukoll hotline li jibqa' miftuħ għal 24 siegħa kuljum. Qegħdin jitwettqu kampanji kontra l-korruzzjoni, inkluż f'kooperazzjoni ma' ċerti NGOs.

Fir-rigward tad-dwana, il-Ministeru tad-Dħul mit-Taxxi u d-Dazji saħħaħ ukoll id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna li jittratta l-każijiet ta' korruzzjoni. Huwa rċieva setgħat usa' sabiex ikun jista' jidentifika u jipprevjeni r-reati ta' korruzzjoni fl-isfera doganali. L-istrateġija Kontra l-Korruzzjoni Doganali tinkludi l-oġettivi intiżi sabiex titnaqqas il-korruzzjoni fost il-persunal permezz ta' ħidma preventiva u t-tiswir ta' attitudni negattiva lejn l-aċċettazzjoni tat-tixħim. Fi Frar 2013 tnedet l-Operazzjoni tal-Fruntieri Statali 2013 sabiex tindirizza l-problema.

Blokk 2 / suġġett 2 — Il-ġestjoni tal-immigrazzjoni

- **L-adozzjoni ta' qafas legali għall-politika tal-immigrazzjoni li jipprovdi struttura istituzzjonali effettiva għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni, regoli għaddħul u l-permanenza ta' persuni barranin, miżuri għar-riintegrazzjoni taċ-ċittadini Ukraini (li jirritornaw volontarjament jew skont il-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u l-Ukraina), il-monitoraġġ tal-flussi tal-immigrazzjoni u miżuri intiżi biex jiġġieldu l-immigrazzjoni irregolari (fosthom il-proċeduri ta' ritorn, id-drittijiet tal-persuni soġġetti għal tali proċeduri, il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni, l-isforzi sabiex jiġu konklużi ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u d-detezzjoni fil-pajjiż ta' immigranti irregolari)**

F'Settembru 2011 ġiet adottata u implimentata liġi qafas dwar il-barranin u l-persuni apolidi. Din il-liġi tkopri r-regoli tad-dħul, tal-permanenza u tar-ritorn. B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, ġew emendati ħames liġijiet sussegwenti oħrajn intiżi biex jippreskrivu regoli ddettaljati dwar il-proċedura ta' espulsjoni, dwar id-dokumenti maħruġa lill-immigranti u dwar il-kompetenzi addizzjonali tas-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri Statali fil-qasam tar-ritorn sfurzati. Barra minn hekk, ġew miżjuda regoli operattivi addizzjonali fil-forma ta' liġijiet lokali, li ġabu magħhom ċarezza akbar fir-rigward tal-proċeduri dwar soġġorn legali.

Ir-riintegrazzjoni taċ-ċittadini Ukraini riammessi jew li rritornaw volontarjament hija formalment parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni mmirat kemm għall-immigranti kif ukoll għaċ-ċittadini proprji. Ċerti aspetti speċifiċi (il-validazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali miksub b'mod informali waqt esperjenza ta' xogħol barra l-pajjiż) ġew indirizzati mil-liġi lokali. Il-President, li inkariga lill-Ministeru tal-Politika Soċjali sabiex jabbozza liġi u programm nazzjonali mmirat f'dan ir-rigward, tkellem favur approċċ aktar komprensiv għar-riintegrazzjoni tax-xogħol (waqt l-indirizz annwali lill-Verkhovna Rada, Ġunju 2013). Ir-regoli dwar ir-ritorn volontarju ġew ikkonkretizzati f'liġi lokali fl-2012, madankollu, l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-mekkaniżmu għandha tkun utli.

L-espulsjoni obbligatorja jew sfurzata ta' immigrant irregolari tinvolvi d-detenzjoni tal-persuna barranija fl-hekk imsejjaħ Migration Custody Centre (MCC) għall-perjodu neċessarju sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni ġudizzjarja dwar l-espulsjoni obbligatorja, li ma għandux ikun ta' aktar minn 12-il xahar kif stipulat mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi tal-2011 dwar l-istatus legali taċ-ċittadini barranin u tal-persuni apolidi⁶. Ma hija prevista ebda reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjoni dwar id-detenzjoni amministrattiva f'MCC, għajr meta din tkun akkumpanjata minn appell dwar is-sustanza tal-każ, jiġifieri l-espulsjoni⁷; l-awtoritajiet tal-infurzar huma mitluba biss li jinnotifikaw lill-Uffiċċju tal-Prosekutur fi żmien 24 siegħa.

Fir-rigward tal-kapaċità istituzzjonali, is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat (SMS) huwa l-aġenzija ewlenija li timplimenta u tikkoordina l-politika tal-immigrazzjoni. Din l-aġenzija twaqqfet fl-2011 u sa issa qiegħda topera b'mod sħiħ b'199 uffiċjal fl-uffiċċju ċentrali tagħha u 5 133 uffiċjal fl-uffiċċji reġjonali tagħha; hemm ukoll il-pjanijiet li jinkrew 1 500 impjegat addizzjonali sabiex jittrattaw l-immigrazzjoni irregolari. Hija kompetenti kemm għall-immigrazzjoni legali kif ukoll għall-immigrazzjoni irregolari, għalkemm fir-rigward ta' din tal-aħħar (pereżempju; id-detenzjoni), minħabba n-natura ċivili tagħha, hija jkollha tinvolvi lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

Fir-rigward tar-riammissjonijiet, l-Ukraina kkonkludiet ftehimiet ta' riammissjoni mal-Unjoni Ewropea (fis-seħħ sa mill-1 ta' Jannar 2008). B'mod speċifiku, ġie ffirmat protokoll ta' implimentazzjoni mal-Awstrija; in-negozjati għal protokoll simili jinsabu fl-istadji finali tagħhom mar-Repubblika Ċeka, mal-Polonja u mal-Estonja, filwaqt li tali negozjati jinsabu għaddejnin ukoll ma' 12-il Stat Membru ieħor. Fl-2013 ġie ffirmat u implimentat ftehim ġdid mar-Russja li jkopri r-riammissjoni aċċellerata. In-negozjati għadhom għaddejnin ma' numru ta' pajjiżi oħrajn (pajjiżi mill-Balkani tal-Punent, l-Isvizzera u l-Islanda). Il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Ukraina għar-riammissjoni ltaqa' f'Mejju 2012 u sab li ma kien hemm ebda problema kbira bl-implimentazzjoni prattika tal-Ftehim, filwaqt li ddiskuta numru ta' kwistjonijiet tekniċi.

- **L-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Immigrazzjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali għall-politika tal-immigrazzjoni u Pjan ta' Azzjoni, li jinkludi limitu ta' żmien, objettivi speċifiċi, attivitajiet, riżultati, indikaturi tal-prestazzjoni u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti**

L-Istrateġija dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, li ġiet adottata fit-30 ta' Mejju 2011, tidentifika x-xejriet, il-prinċipji u l-prijoritajiet, flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni li jstabbilixxi l-attivitajiet, il-limitu ta' żmien u l-awtoritajiet responsabbli. Kummissjoni interim bejn l-aġenziji tqabdet sabiex timplimenta l-politika dwar l-immigrazzjoni, filwaqt li nħoloq Kunsill tal-Koordinazzjoni sabiex jikkoordina l-attivitajiet tal-Pjan ta' Azzjoni.

- **Il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-flussi tal-immigrazzjoni, li jipproduċi profil tal-immigrazzjoni li jiġi aġġornat regolarment għall-Ukraina, b'dejta dwar l-immigrazzjoni legali u irregolari, kif ukoll għall-istabbiliment ta'**

⁶ L-Artikolu 30(3) u (4) tal-Liġi dwar l-istatus legali taċ-ċittadini barranin u tal-persuni apolidi tal-2011.

⁷ Ara, b'mod partikolari, il-paragrafu 2 tal-Artikolu 183-5 u l-Artikolu 256(9) tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva.

korpi responsabbli mill-ġbir u l-analiżi ta' dejta dwar l-istokkijiet u l-flussi tal-immigrazzjoni

Qiegħed jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-flussi tal-immigrazzjoni fuq il-bażi ta' Riżoluzzjoni mill-Kabinett tal-Ministri mill-2012, bħala subsistema ta' Arkan (is-sistema integrata ta' informazzjoni bejn l-aġenziji, ara aktar 'il fuq is-suġġett 1 dwar il-ġestjoni tal-fruntieri). Għal dan il-għan, ġew prodotti t-termini ta' referenza.

Il-profilu tal-immigrazzjoni jiġu aġġornati regolarment, fejn għall-aħħar wieħed, dak tal-2012 (maħruġ fl-2013), is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat kien diġà fit-tmexxija bl-għajnuna attiva tal-esperti tal-ILO.

Safejn għandha x'taqsam l-analiżi tar-riskji, fuq il-bażi ta' Strateġija li ġiet adottata fl-2011, għadha qiegħda tiġi stabbilita Metodoloġija għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari permezz ta' Ċentru ta' Analiżi ta' Kuntatt. Bħalissa, ix-xogħol kollu qiegħed isir mit-Taqsima Analitika fi ħdan is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat, li tiġbor id-dejta statistika u dejta oħra b'mod manwali, mingħajr appoġġ tal-IT mill-aġenziji rilevanti.

Blokk 2 / suġġett 3 — Il-politika tal-ażil

- **L-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ażil skont l-istandards internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 bil-Protokoll ta' New York) u l-istandards tal-UE, li tistabbilixxi r-raġunijiet għall-protezzjoni internazzjonali (inklużi l-forom sussidjarji ta' protezzjoni), ir-regoli proċedurali dwar l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u d-drittijiet tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati**

Daħlet fis-seħħ liġi qafas mill-2011 dwar ir-refuġjati u l-persuni li jeħtieġu protezzjoni sussidjarja u temporanja. Tali liġi tipprovdi bażi legali soda għall-proċeduri tal-ażil, li fil-biċċa l-kbira tagħha hija konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Madankollu, għad hemm xi aspetti li jeħtieġu titjib, minħabba li, minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċedenti li saru mill-Kummissjoni u r-rakkomandazzjoni tal-UNHCR maħruġa f'rapport tal-pajjiż f'Lulju ta' din is-sena⁸, il-Liġi ma ġietx emendata. B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' protezzjoni kumplimentarja u d-definizzjoni ta' protezzjoni temporanja għandhom jiġu estiżi, filwaqt li l-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil għandhom jingħataw il-kura medika neċessarja mingħajr ħlas, għall-inqas f'każ ta' emerġenza. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-SMS diġà fassal abbozz. Wara r-rakkomandazzjonijiet li saru, fl-2012 ittiegħdet azzjoni sabiex partijiet oħrajn tal-leġiżlazzjoni isiru konformi mal-liġi qafas, billi ġew stabbiliti diversi drittijiet għall-persuni bi protezzjoni temporanja u sussidjarja (edukazzjoni, kura tas-saħħa, allowances tal-familja, servizzi soċjali, eċċ.).

⁸ <http://www.refworld.org/docid/51ee97344.html>

Fir-rigward tal-proċedura tal-ażil, il-Liġi hija fis-seħħ, għalkemm għad hemm bżonn li jsir xi titjib, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskadenza għall-appelli, li bħalissa hija f'fissata għal ħamest ijiem, anki jekk skont l-awtoritajiet Ukraini, din mhijiex applikata strettament mill-qrati. L-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orġini għandha tissemma wkoll b'mod speċifiku. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu ċċarati kwistjonijiet bħad-dritt għall-interpretazzjoni, il-kunfidenzjalità tal-intervisti, l-għoti tar-raġunijiet għar-rifjut u l-inammissibilità tat-talbiet għall-ażil. Fl-aħħarnett, ir-regoli dwar id-detenzjoni għandhom jiġu speċifikati aktar, b'attenzjoni speċjali għal awtorizzazzjoni meħtieġa mill-qorti.

Fir-rigward tal-ġhajjnuna legali, hemm liġi dwar l-ġhajjnuna legali mingħajr ħlas li għandha tibda tapplika mill-2014 'il quddiem, apparentement anki permezz ta' 'kliniki legali' li jipprovdu s-servizz ta' avukat anki lill-barranin u lill-persuni li jkun qegħdin ifittxu l-ażil; il-finanzjament mhuwiex ċar għal kollox. Madankollu, il-Liġi tipprevedi biss l-għoti ta' ġhajjnuna legali liċ-ċittadini ta' pajjiżi li magħhom l-Ukraina ffirmat ftehim bilaterali dwar l-ġhajjnuna legali mingħajr ħlas - dispożizzjoni li fil-fatt teskludi lil ħafna persuni li qegħdin ifittxu l-ażil milli jkollhom aċċess għall-ġhajjnuna legali mingħajr ħlas.

F'termini politiċi, f'Lulju 2012 ġie adottat Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati u tal-persuni li jeħtieġu protezzjoni addizzjonali, li jqaqal approċċ aktar ikkoordinat fost l-awtoritajiet differenti, fosthom il-Ministeru tal-Politika Soċjali, iżda għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet importanti bħall-iżgurar ta' dispożizzjonijiet baġitarji għall-implimentazzjoni tiegħu.

F'termini istituzzjonali, is-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat (SMS) huwa l-aġenzija ewlenija tal-gvern kompetenti sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar l-applikanti għall-ażil. Bil-għan tal-implimentazzjoni, in-numru ta' impjegati li jittrattaw l-applikanti għall-ażil għandu jiżdied u b'hekk ikun jista' jiġi ssimplifikat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, ir-relazzjonijiet mas-soċjetà ċivili u mal-UNHCR ma rawx wisq titjib.

Blokk 3: L-ordni pubbliku u s-sigurtà

Valutazzjoni ġenerali

Ġie stabbilit il-qafas politiku u leġiżlattiv dwar il-**prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Il-Liġi dwar il-kriminalità organizzata ġiet adottata flimkien mal-Istrateġija ('Politika tal-Istat') u l-Pjan ta' Azzjoni ta' akkumpanjament, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali.

Il-qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali dwar il-**prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (THB)** ġie kkonsolidat u fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-perjodu 2012-15 jipprovdi approċċ komprensiv fl-indirizzar tat-THB.

Fir-rigward tal-**politika kontra l-korruzzjoni**, għalkemm sar progress sostanzjali fl-aħħar sentejn, xorta waħda għad hemm bżonn ta' aktar titjib sabiex ikun jista' jiġi kkompletat il-qafas politiku u leġiżlattiv.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-infurzar tal-liġi, b'mod ġenerali, il-koordinazzjoni tjiebet, tant li qiegħda tippermetti li jsir skambju aktar effettiv tal-informazzjoni. Il-qafas leġislativ u politiku għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-**ħasil tal-flus** u l-**finanzjament tat-terroriżmu** huwa fis-seħħ u konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali. L-Ukraina aderixxiet għall-konvenzjonijiet kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-ordni pubbliku u s-sigurtà u għall-maġġoranza tal-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa rigward il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Barra minn hekk, għandhom jittieħdu passi oħrajn sabiex jinkiseb il-progress fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehimiet mal-Europol u mal-Eurojust.

Il-qafas leġislativ u istituzzjonali dwar il-**protezzjoni tad-dejta** huwa konformi mal-istandards Ewropej, għalkemm għad hemm bżonn ta' xi aġġustamenti bil-għan li titwessa' l-kompetenza tal-Awtorità Superviżorja tal-Protezzjoni tad-Dejta.

L-Ukraina daħħlet fis-seħħ il-qafas leġislativ, politiku u istituzzjonali neċessarju fil-qasam tal-**politika kontra d-droga** skont l-istandards Ewropej u internazzjonali.

Il-qafas leġislativ rigward il-**kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali** komplaja jiġi kkonsolidat. L-Ukraina diġà rratifikat it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali u daħħlet dispożizzjonijiet xierqa fil-Kodiċi ġdid tagħha dwar il-Proċeduri Kriminali.

Lil hinn mill-parametru tal-VLAP, ta' min jinnota li l-Ukraina ħadet passi sabiex tirrifirma kemm il-ġudikatura kif ukoll l-uffiċċju tal-prosekutur, li huwa marbut mill-qrib mar-riforma kostituzzjonali.

Kummenti ddettaljati

Blokk 3 / suġġett 1 — Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni

- **L-adozzjoni ta' strateġija komprensiva għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, flimkien ma' pjan ta' azzjoni li jinkludi limitu ta' żmien, objettivi speċifiċi, attivitajiet, riżultati, indikaturi tal-prestazzjoni u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti**

Il-Liġi dwar l-organizzazzjoni u l-prinċipji legali tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, li ġiet riveduta fl-2011, tipprovdi l-bażi leġislativa għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata billi tippreskrivi qafas organizzattiv ġenerali u billi tistabbilixxi sistema ta' awtoritajiet statali responsabbli, li jiddefinixxu l-kompetenzi u l-metodi ta' kooperazzjoni tagħhom. Minbarra l-liġi, hemm ukoll Strateġija ('Kunċett') għal linji politiċi statali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, li tmur lura għal Ottubru 2011 u li ġiet ikkonkretizzata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat f'Jannar 2012.

Il-qafas legali dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ġie kkompletat permezz ta' emendi rilevanti fil-Kodiċi Kriminali u, b'mod partikolari, permezz tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi ġdid tal-Proċedura Kriminali, li daħal fis-seħħ fid-

19 ta' Novembru 2012. Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jinkludi dispożizzjonijiet li huma essenzjali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari regoli ddettaljati dwar miżuri investigattivi moħbija, filwaqt li l-Kodiċi Kriminali jippreskrivi l-kriterji kwalifikattivi għar-reati li għandhom jitqiesu bħala kriminalità organizzata u jagħmilha punibbli b'piena aktar ħarxa. Il-protezzjoni tax-xhieda kompliet tissaħħaħ permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni, għalkemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi addizzjonali dwar il-kooperazzjoni tal-ex membri ta' gruppi kriminali mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi permezz tal-ħolqien ta' programmi speċifiċi maħsuba sabiex jinċentivaw u jippremjaw il-kooperazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-proċeduri kriminali, bil-għan li tkompli tittejjeb l-effettività tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ikun ta' vantaġġ jekk jiġu introdotti tipi aktar avvanzati ta' konfiska (konfiska estiża, konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, konfiska tal-valur u, konsegwentement, il-ħolqien ta' aġenzija indipendenti għall-ġestjoni tal-assi maqbuda u kkonfiskati).

Fir-rigward tal-qafas politiku, il-‘Kunċett’ għall-politika tal-Istat, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni ddettaljat ta' akkumpanjament, huma implimentati bir-reqqa, filwaqt li l-miri u l-iskadenzi qegħdin jiġu ssodisfati, b'attenzjoni speċjali għall-analiżi tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-emendi sussegwenti, kif ukoll għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu effettiv ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, titwettaq analiżi sistematika annwali tal-kawżi u l-kondizzjonijiet li jaffettwaw bl-għajjnuna ta' reġistru unifikat waħdieni tal-investigazzjonijiet kollha ta' qabel is-smiġh imwaqqfa fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (GPO).

Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-istruttura istituzzjonali, il-Kodiċi ġdid tal-Proċedura Kriminali jiddeskrivi b'mod ċar ir-rwol ewlieni ta' koordinazzjoni u superviżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, li jstipula min għandu s-setgħa li jieħu deċiżjoni f'każ ta' konflitt. L-awtoritajiet tal-Istat, li nħolqu speċifikament sabiex jiġġieldu l-kriminalità organizzata — kemm fil-Ministeru tal-Affarijiet Interni kif ukoll fis-Servizz tas-Sigurtà — jistgħu jkomplu jtejbu s-sistema tal-awtoritajiet tal-Istat involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

- **L-adozzjoni ta' liġi dwar it-traffikar tal-bnedmin u l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-Programm tal-Istat għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, li jinkludi limitu ta' żmien, objettivi speċifiċi, attivitajiet, riżultati, indikaturi tal-prestazzjoni u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti**

Il-Liġi kontra t-traffikar tal-bnedmin ilha fis-seħħ minn Ottubru 2011. Hija tippreskrivi d-dispożizzjonijiet ewlenin dwar il-ġlieda kontra t-traffikar u l-prevenzjoni tiegħu, u dwar l-għajjnuna u l-protezzjoni li għandhom jingħataw lill-vittmi skont l-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti (skont il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa). Matul l-aħħar sentejn, din il-Liġi ġiet issupplimentata bi strumenti leġiżlattivi varji li tejjbu u kkonsolidaw il-qafas legali b'mod sostanzjali u li mxew fuq ir-rakkomandazzjonijiet kważi kollha li saru fit-Tieni Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni.

Bil-għan li tiġi implimentata l-Liġi, f'Mejju 2012 ġew adottati atti legali sekondarji (Riżoluzzjonijiet tal-Kabinett tal-Ministri) sabiex jintroduċu proċeduri ta' rikonoxximent standardizzat għall-għoti tal-istatus tal-vittmi tat-traffikar u, f'Awwissu 2012, fuq il-mekkaniżmu nazzjonali għall-interazzjoni bejn l-aġenti involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar. L-għan ta' dan tal-aħħar kien li jevita d-duplikazzjoni tal-kompetenzi u li jistabbilixxi sistema komprensiva.

F'termini tad-drittijiet proċedurali tal-vittmi, ċerti dispożizzjonijiet ġodda dwar il-protezzjoni tax-xhieda fil-Kodiċi ġdid tal-Proċedura Kriminali (fis-seħħ mid-19 ta' Novembru 2012) huma rilevanti għall-vittmi tat-traffikar ukoll (smiġh bil-bibien magħluqin, investigazzjoni remota qabel il-proċess u proċedimenti remoti fil-qorti). Id-drittijiet proċedurali jistgħu jissaħħu aktar permezz ta' sistema li tippermetti li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni qabel issir l-intervista mal-vittmi potenzjali u li tiżgura l-kunfidenzjalità diġà f'dak l-istadju. Fir-rigward tal-vittmi barranin, il-leġislazzjoni dwar l-istatus legali tal-barranin għandha tiġi ssupplimentata sabiex tagħtihom iċ-ċans li jirċievu permessi ta' residenza wara r-rikonoxximent tal-istatus tagħhom.

F'Mejju 2012 ġie adottat Pjan ta' Azzjoni li jistabbilixxi miżuri sal-2015, b'limiti ta' żmien, objettivi, riżultati u indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi. L-għajjnuna pprovduta lill-vittmi (ir-rijabilitazzjoni u l-assistenza soċjali, ġudizzjarja, medika u psikoloġika) mistennija tissaħħaħ permezz ta' sistema konkreta ta' monitoraġġ u koordinazzjoni aħjar. Fil-qasam tal-prevenzjoni, qegħdin jiġu skedati kampanji ta' informazzjoni u attivitajiet oħrajn ta' sensibilizzazzjoni b'allokazzjoni baġitarja speċifika. Barra minn hekk, ġew adottati programmi ta' taħriġ avanzat b'baġit speċifiku għall-impjegati tal-gvern, inklużi l-uffiċjali f'pożizzjonijiet importanti. Madankollu, l-allokazzjoni baġitarja għall-assistenza tista' tkun aktar speċifika sabiex jiġu garantiti biżżejjed riżorsi kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell nazzjonali.

F'termini istituzzjonali, il-Ministeru tal-Politika Soċjali huwa l-Koordinatur Nazzjonali għall-prevenzjoni maħtur minn Jannar 2012. Intant, intlaħaq qbil fuq metodi ta' kooperazzjoni mal-NGOs elenkati f'Memorandum ta' Kooperazzjoni mal-Koalizzjoni tal-NGOs Ukraini kollha kontra t-Traffikar tal-Bnedmin li ġie ffirmat f'April 2013. Barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita sistema trasparenti ta' involviment mis-soċjetà ċivili fl-għoti ta' servizzi soċjali lill-vittmi tat-traffikar.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-Prosekutur għandu jikkoordina lill-aġenziji għall-infurzar tal-liġi u f'Awwissu 2013 twaqqaf Dipartiment separat fi ħdan il-Militia b'kompetenza speċifika li jinvestiga.

- **L-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u lF-ħolqien ta' aġenzija unika u indipendenti kontra l-korruzzjoni; it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni**

Wara l-adozzjoni f'April 2011 tal-leġislazzjoni kontra l-korruzzjoni, l-Ukraina ħadet aktar inizjattivi leġislattivi (jiġifieri l-pakketti leġislattivi ta' Mejju 2013) bil-għan li tindirizza wħud mir-rakkomandazzjonijiet pendenti li saru mill-Kummissjoni u mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO). Fl-istess waqt, għandu jiġi enfasizzat li l-bidliet leġislattivi frammentati frekwenti, kuntrarju għal approċċ strateġiku koerenti għar-riformi leġislattivi, joħolqu riskji serji għaċ-ċertezza legali u jistgħu jagħmlu l-implimentazzjoni tal-linji politiċi kontra l-korruzzjoni aktar diffiċli. Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tal-proċess leġislattiv, jissawwar approċċ strateġiku komprensiv li jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt tajbin u jizzied l-għarfien dwar il-bidliet leġislattivi kontinwi.

Fir-rigward tal-qafas tal-liġi kriminali, jista' jiġi osservat xi titjib, bħall-kjarifika ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Barra minn hekk, ġiet adottata liġi li tabolixxi l-artikoli tal-Kodiċi ta' Reati Amministrattivi li kienu jkopru reati li jikkawżaw responsabbiltà kriminali għal korruzzjoni attiva jew passiva. Fl-2012, ġew adottati regoli ta' mgħiba etika għall-persuni kollha li huma awtorizzati sabiex iwettqu funzjonijiet tal-gvern ċentrali jew lokali.

Fir-rigward tas-settur privat, sar progress permezz tal-introduzzjoni ta' responsabbiltà kriminali korporattiva għar-reati ta' korruzzjoni kommessi fl-interess ta' jew f'isem persuni ġuridiċi. Mhuwix ċar għal kollox jekk il-leġislazzjoni l-għdida tkopri ir-responsabbiltà korporattiva u, jekk iva, kif tkopriha, f'każ ta' nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll. Is-sanzjonijiet li huma applikabbli bħalissa għall-individwi u l-entitajiet legali fir-rigward tal-korruzzjoni fis-settur privat mhumiex dissuażivi biżżejjed. Barra minn hekk, ġiet ippreżentata liġi għdida fil-parlament bil-għan li żżid il-livell tal-pieni, filwaqt li madankollu tħalli s-sentenzi ta' priġunerija għall-individwi bħala alternattiva għal reati inqas serji.

Il-monitoraġġ tal-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni 2011-15 huwa wieħed mill-kompiti tal-Kumitat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (NAC). Il-pjan ta' azzjoni korrispondenti (programm statali), li huwa kkoordinat mill-Ministeru tal-Ġustizzja, jibbenifika mill-aġġornament tal-miżuri ppjanati b'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-allokkazzjoni ta' fondi baġitarji suffiċjenti. Is-soċjetà ċivili hija rrappreżentata fl-NAC (wieħed minn kull ħamsa tal-membri tiegħu). Madankollu, fil-prattika, l-NAC baqa' ma ltaqax matul is-sena li għaddiet, fejn ir-rappreżentanza ġenwina tas-soċjetà ċivili f'dan il-Kumitat setgħet tagħti xi riżultati konkreti. Barra minn hekk, GRECO rrimarka li għad hemm dubji dwar kemm l-NAC jista' tabilħaqq 'iwettaq funzjoni ta' monitoraġġ sinjifikanti'.

Permezz tal-Kodiċi għdid tal-Proċedura Kriminali, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2012, ir-rwol superviżorju tal-prosekutur fi proċeduri kriminali kompli jissaħħa. Intant, jidher li bħalissa qiegħda titħejja leġislazzjoni dwar il-funzjonament tas-servizzi tal-prosekuzzjoni. Madankollu, għad hemm xi dubji dwar kemm l-isfond istituzzjonali attwali qiegħed tabilħaqq joffri garanziji adegwati ta' indipendenza u effikaċja, inkluż fir-rigward tal-ispeċjalizzazzjoni kontra l-korruzzjoni tal-korpi għall-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni, kif ukoll it-tqassim tal-kompiti tagħhom u l-kooperazzjoni konkreta. GRECO rrimarka li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu rigward il-garanziji tal-indipendenza tal-prosekuturi minn kull interferenza politika

għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ, filwaqt li rrikonoxxa l-isfidi kostituzzjonali u prattiċi li jfixklu l-approvazzjoni ta' leġislazzjoni rriformata dwar is-servizzi tal-prosekuzzjoni. Sadanittant, ġew adottati emendi ġodda għall-Kodiċi Kriminali u għall-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-konfiska bbażata fuq il-valur u dwar il-konfiska ta' parti terza.

Fir-rigward tal-immunitajiet, għad hemm tħassib fir-rigward tal-immunità tal-Membri Parlamentari minn proċedimenti kriminali u arrest, li toħloq ir-riskju ta' tfixkil u politiċizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji. Fil-fatt, tajjeb ngħidu li ma jista' jitwettaq ebda proċediment kriminali (fosthom investigazzjonijiet preliminari, tfitxijiet, interċezzjonijiet, operazzjonijiet moħbija, eċċ.) kontra Membru Parlamentari mingħajr il-kunsens tal-parlament. Dan jista' jaffettwa serjament l-effikaċja u l-korrettezza tal-proċedimenti kriminali u jista' fil-fatt iwassal għal sitwazzjoni fejn il-parlament jispiċċa jieħu post is-sistema ġudizzjarja. Għad hemm xi tħassib ukoll fir-rigward tal-immunità tal-imħallfin u l-prosekuturi minn arrest jew detenzjoni, mhux l-inqas il-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet għat-tneħħija tal-immunitajiet, li bħalissa huwa taħt ir-responsabbiltà tal-parlament. Barra minn hekk, ġie ppreżentat abbozz ta' leġislazzjoni quddiem il-parlament bil-għan li l-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja jiġi fdat bis-setgħa li jneħħi l-immunitajiet tal-imħallfin u tal-prosekuturi.

Filwaqt li l-Ukraina għandha sistema ta' żvelar tal-assi li hija applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi, jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex jiġu żgurati mekkaniżmu ta' verifika tajjeb u indipendenti u sistema ta' sanzjonar li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva. Inħolqu mekkaniżmi ddedikati ta' kontroll intern fi ħdan l-istituzzjonijiet pubbliċi, filwaqt li l-Ministeru tad-Dħul mit-Taxxi u d-Dazji kien innominat bħala l-istituzzjoni responsabbli mill-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Madankollu, jeħtieġ li jittieħdu aktar passi sabiex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet tal-assi jiġu żvelati b'mod aktar wiesa' u jkunu aċċessibbli b'mod elettroniku. Barra minn hekk, għadu mhuiwix ċar kif sejra tiġi organizzata l-ħidma ta' verifika tal-Ministeru tad-Dħul mit-Taxxi u d-Dazji, liema metodoloġiji u għodod sejrini jiġu applikati u kif sejra tiġi żgurata l-kapaċità tiegħu li jwettaq dan il-kompitu addizzjonali ġdid. L-Awtorità lanqas ma ser ikollha s-setgħa li tapplika s-sanzjonijiet hija stess. Hija tista' biss tirreferi l-każijiet lil awtoritajiet oħrajn jew lill-korpi għall-infurzar tal-liġi. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-Awtorità tal-Istat dwar id-Dħul u l-Flasijiet u korpi amministrattivi u tal-infurzar tal-liġi oħrajn għall-finijiet ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tiġi definita b'mod ċar. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' konflitti ta' interess, filwaqt li huwa previst ċertu kontroll intern, ma hemm ebda verifika indipendenti esterna fis-seħħ. Is-sistema ta' sanzjonar għandha tissaħħaħ bil-għan li jiġi żgurat li, fil-prattika, is-sanzjonijiet u l-miżuri dissważivi jkunu jistgħu jiġu infurzati fil-ħin bil-għan li tiġi rrimedjata l-ħsara li kienet ikkawżata jew li tista' tiġi kkawżata għall-interess pubbliku.

F'nofs l-2012 ġew adottati dispożizzjonijiet leġislattivi dwar sistema ġdida ta' akkwist elettroniku. Għad hemm xi kwistjonijiet pendenti, bħall-ħtieġa li tkompli tittejjeb it-trasparenza tal-akkwist pubbliku u li jiġi ssimplifikat l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, li jiġi indirizzat it-tħassib li jirrigwardja l-eżistenza ta' għadd numeruż ta' esklużjonijiet mis-sistema tal-akkwist pubbliku u li jiġi kkjarifikat il-kamp ta' applikazzjoni ta' 'entitajiet tal-akkwist' li

għalihom japplikaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari meta niġu għall-kumpaniji tal-Istat u l-impriżi ta' interess pubbliku. Bħalissa, il-parlament għandu quddiemu abbozz ta' liġi li għandu l-għan li jżid it-trasparenza tan-nefqa pubblika, inkluż fir-rigward tal-kumpaniji tal-Istat.

Il-leġiżlazzjoni Ukraina, li titlob lill-uffiċjali pubbliċi sabiex jirrapportaw il-korruzzjoni, tinkludi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tal-informaturi. Fil-prattika, il-protezzjoni tal-informaturi tidher li hija perċepita b'mod pjuttost restrittiv (jiġifieri hija limitata għall-investigazzjonijiet kriminali). L-Ukraina introduċiet xi dispożizzjonijiet ġenerali f'għadd ta' regolamenti settorjali bil-għan li tirmedja din is-sitwazzjoni. Madankollu, jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex ikompli jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni u tkun tista' tinholq kultura ta' fiduċja fil-mekkaniżmi ta' rapportar.

Il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali huwa qasam fejn għad hemm nuqqasijiet sinjifikanti. Bħalissa qiegħed jitħejja abbozz ta' leġiżlazzjoni bil-għan li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet pendenti ta' GRECO.

Fil-bidu tal-2013, GRECO kkonkluda li 11 minn fost il-25 rakkomandazzjoni mill-ewwel żewġ sessjonijiet ta' evalwazzjoni konġunta ma ġewx implimentati b'mod sodisfaċenti. GRECO enfasizza li l-qafas legali fir-rigward ta' tali oqsma fundamentali bħas-servizzi tal-prosekuzzjoni, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-akkwist pubbliku 'għadu ma ġiex iffissat, tant li qiegħed iwassal għal nuqqas ta' sigurtà legali u jrendi l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa bħala insinjifikanti'.

- **L-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; l-adozzjoni ta' liġi dwar il-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu**

Fil-qasam tal-ħasil tal-flus sar titjib leġiżlattiv sinjifikanti fis-snin riċenti u jidher li hemm fis-seħħ sistema tajba intiża biex tiżgura s-sorveljanza tal-politika globali. Kull sena jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni annwali li jispjega fid-dettall l-Istrateġija Nazzjonali li tkopri l-perjodu sal-2015 (adottata mill-Kabinett tal-Ministri). Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi miżuri konkreti u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tagħhom hija allokata b'mod ċar lil istituzzjonijiet partikolari. Il-pjan jinkludi wkoll skadenzi għall-miżuri differenti.

F'termini istituzzjonali, ir-responsabbiltajiet għas-superviżjoni tas-setturi partikolari huma maqsuma, u l-Unità tal-Intelliġenza Finanzjarja (FIU) għandha rwol ewlieni. L-FIU timpjega analisti mħarrġa ħafna li jevalwaw kuljum ir-rapporti li jaslu mingħand l-entitajiet li jirrapportaw. Fis-snin riċenti ġew organizzati programmi ta' bini tal-kapaċità istituzzjonali għall-benefiċċju tal-FIU u ta' korpi oħrajn għall-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-ħasil tal-flus.

Il-kwistjonijiet pendenti rigward is-sanzjonar ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u tal-manipulazzjoni tas-suq ġew indirizzati wkoll permezz ta' emendi leġiżlattivi li ġew adottati; l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq jiġu sanzjonati jew skont il-

Kodiċi tar-Reati Amministrattivi jew inkella skont il-Kodiċi Kriminali. L-entitajiet legali li jinstabu ħatja ta' dawn ir-reati jiffaċċjaw responsabbiltà finanzjarja u revoka tal-liċenzja li abbażi tagħha jistgħu joperaw fis-suq.

L-oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar ħidma jikkonċernaw il-ħtieġa li l-persuni domestiċi li huma esposti politikament (PEPs) jiġu koperti fil-leġiżlazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi ċċarat il-fatt li l-ħasil tal-flus huwa reat awtonomu, minkejja li diġà kien hemm xi każistika rilevanti li ppontat f'dik id-direzzjoni. Il-ħasil tal-flus għandu jitqies bħala li jmur lil hinn minn sempliċi assoċjazzjoni ma' kriminali għall-iskop tal-ħabi tal-evidenza tar-reat sabiex jinkisbu riżultati aħjar fil-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika fuq skala kbira u sabiex gruppi kriminali jiġu mċaħħda milli jiksbu l-ġid b'mod illegali.

- **L-adozzjoni ta' Programm Strateġiku Nazzjonali ġdid dwar id-droga u l-pjan ta' azzjoni relatat miegħu; ir-ratifika tal-Memorandum ta' Qbil mal-EMCDDA**

Il-miżuri leġiżlattivi, politiċi u istituzzjonali rilevanti huma fis-seħħ skont l-istandards Ewropej u internazzjonali.

Fl-2010 iddaħħlet fis-seħħ Strateġija ('Kunċett') għall-implimentazzjoni tal-politika statali dwar il-prevenzjoni tat-tixrid tal-vizzju tad-droga u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, sustanzi psikotropiċi u prekursori għall-perjodu 2011-15, flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, hemm sistema ta' monitoraġġ li tmur lura għall-2011, flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni sussegwenti li ġie adottat f'Lulju 2012.

Ġew adottati bosta liġijiet u liġijiet lokali għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dokumenti ta' politika.

Fit-28 ta' Awwissu 2013 ġiet approvata Strateġija ġdida dwar id-Droga sal-2020 permezz ta' Digriet Presidenzjali. Tali strateġija tiżgura s-sigurtà nazzjonali, iżda tagħti prijorità lill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (is-simplifikazzjoni tal-aċċess għal mediċini legali għal skopijiet mediċi, enfasi ġenerali fuq l-assistenza medika u legali, it-titjib tal-profilu tal-prevenzjoni). Għal dan il-għan, is-sistema ta' monitoraġġ analitiku għandha tagħti ċ-ċans lill-entitajiet legali jipprovdu kura medika u jużaw sustanzi ta' mediċini fil-ħidma tagħhom. Akkademiċi, NGOs u organizzazzjonijiet internazzjonali, fosthom il-Grupp Pompidou tal-Kunsill tal-Ewropa, ġew ikkonsultati dwar l-abbozz ta' Strateġija.

Fir-rigward tal-qafas istituzzjonali, fl-2011 twaqqaf is-Servizz tal-Istat għall-Kontroll tad-Drogi (SSDC) bħala l-korp ewlieni (flimkien mas-sitt uffiċċji reġjonali li twaqqfu wara) responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika kontra d-droga. L-SSDC jaġixxi mhux biss bħala koordinatur iżda wkoll bħala inizjatur tal-azzjoni għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, it-tnaqqis tal-użu tad-droga, il-kisba ta' approċċ integrat bejn l-aġenziji, it-tisħiħ tar-rijabilitazzjoni tal-vittmi tad-droga u s-sensibilizzazzjoni. Il-Liġi dwar id-droga ġiet emendata f'Marzu 2013 bil-għan li tikkjarifika s-setgħat ta' koordinazzjoni tal-SSDC u r-relazzjonijiet tiegħu ma' partijiet interessati oħrajn.

Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u bejn l-aġenziji tjeibu. Madankollu, għandhom jiġu pprovduti allokkazzjonijiet baġitarji ċari għall-implimentazzjoni tal-miżuri u għat-tħaddim tal-istrutturi istituzzjonali, speċjalment l-uffiċċji reġjonali.

Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-Ukraina (il-Ministeru tas-Saħħa) u ċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Droga u l-Abbuż mid-Droga (EMCDDA) ġie konkluż fl-2010 għal perjodu ta' ħames snin u ilu fis-seħħ minn dak iż-żmien mingħajr il-ħtieġa ta' ratifika. Huwa qiegħed jiġi implimentat fuq bażi kontinwa. Il-kooperazzjoni hija effettiva (pereżempju permezz ta' skambju regolari ta' informazzjoni dwar tipi ġodda ta' drogi, l-implimentazzjoni ta' protokollu ġodda fl-Ukraina dwar mard infettiv li jirriżulta mill-użu tad-droga, ir-reġistrazzjoni ta' indikaturi ġodda relatati mal-abbuż tad-droga).

Bħalissa, il-gvern qiegħed jikkunsidra liġi li tagħti ċ-ċans lill-Ukraina tissieħeb fil-Grupp Pompidou tal-Kunsill tal-Ewropa. Fir-rigward tal-aspetti li jikkonċernaw l-infurzar tal-liġi, bl-Ukraina mhux biss pajjiż ta' tranżitu iżda wkoll destinazzjoni finali għall-marijuana, l-opju u d-drogi sintetiċi (Subutex), l-oġettiv tat-tisħiħ tal-investigazzjonijiet huwa segwit mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, permezz ta' taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija, l-użu usa' ta' aġenti 'undercover' u l-ħolqien ta' diviżjoni speċjali ġewwa l-Ministeru tal-Affarijiet Interni.

- **L-adozzjoni ta' konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa fl-oqsma elenkati aktar 'il fuq u dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**

L-Ukraina aderixxiet għall-konvenzjonijiet kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa li huma rilevanti għall-oqsma msemmija fuq.

L-Ukraina issa aderixxiet ukoll għall-Protokoll tal-2001 kontra l-manifattura illeċita u t-traffikar ta' armi tan-nar, kif ukoll tal-partijiet, tal-komponenti u tal-munizzjon tagħhom. Hija rratifikat il-Protokoll f'April 2013 u f'Mejju 2013 adottat l-emendi meħtieġa għall-Kodiċi Kriminali li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2013.

Blokk 3 / suġġett 2 — Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali

- **L-adozzjoni ta' qafas legali dwar l-assistenza legali reċiproka**

Il-qafas leġiżlattiv fil-qasam tal-assistenza legali reċiproka huwa fis-seħħ u konformi mal-istandards Ewropej.

Kif ġie indikat aktar 'il fuq (taħt Blokk 3/suġġett 1), l-Ukraina wettqet proċess ta' riforma tal-leġiżlazzjoni kriminali u tal-proċedura kriminali tagħha, li rriżulta fl-adozzjoni ta' Kodiċi ġdid tal-Proċedura Kriminali (CPC), li issa ilu fis-seħħ minn Novembru 2012. F'Ġunju 2011 ġiet adottata liġi dwar l-assistenza legali reċiproka. Is-CPC il-ġdid jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi [dwar il-prinċipji ġenerali tal-kooperazzjoni internazzjonali, jipprovdni bażi legali għal assistenza legali internazzjonali u jippreskrivi dispożizzjonijiet xierqa dwar l-estradiżzjoni, it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija minn qrati barranin u t-trasferiment ta' persuni li jkunu ngħataw sentenza.](#)

Fir-rigward tal-qafas istituzzjonali, is-CPC il-ġdid ikkonferma r-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (GPO) u tal-Ministeru tal-Ġustizzja (MoJ) bħala l-awtoritajiet ċentrali għall-assistenza legali internazzjonali. It-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja li jaslu matul l-investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess jiġu evalwati mill-GPO, filwaqt li dawk li jaslu matul il-proċedimenti fil-qorti jiġu evalwati mill-MoJ. Il-kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet b'dew ikunu permessi, b'xi eċċezzjonijiet f'każijiet speċifiċi fejn l-awtoritajiet ċentrali jżommu l-kompetenza tagħhom.

- **Ir-ratifika tat-Tieni Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-assistenza legali reċiproka**

It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-assistenza legali reċiproka (MLA) kien diġà ġie rratifikat u mdaħħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012, għalkemm b'xi dikjarazzjonijiet u riżervi. Ir-riżervi jikkonċernaw is-servizz bil-posta (l-Artikolu 16), l-osservazzjonijiet transfruntiera (l-Artikolu 17) u l-investigazzjonijiet moħbija (l-Artikolu 19). Is-CPC il-ġdid u liġijiet oħrajn bħal-Liġi tal-1993 dwar il-kriminalità organizzata, kif ġew emendati wara, jirregolaw uħud mis-sitwazzjonijiet li huma koperti mir-riżervi.

Filwaqt li r-riżervi tal-Ukraina ma jipperikolawx il-livell ta' kooperazzjoni internazzjonali, huwa mixtieq li dawn jitneħħew bil-għan li jittejjeb il-qafas dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Ċerti dispożizzjonijiet speċjali fit-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar l-MLA ġew inklużi wkoll fis-CPC il-ġdid: il-preżenza tar-rappreżentanti ta' awtoritajiet barranin matul l-attivitajiet proċedurali, smiġ bil-vidjo jew konferenza bit-telefon, informazzjoni dwar ir-reati, it-trasferiment temporanju tal-persuni miżmuma f'detenzjoni lejn it-territorju tal-parti rikjesta, kunsinna kkontrollata u timijiet ta' investigazzjoni konġunti.

- **Il-konklużjoni ta' ftehim mal-Eurojust**

F'Diċembru 2011 diġà kien miftiehem u inizjalat abbozz ta' ftehim mal-Eurojust u kien diġà ġie stabbilit punt ta' kuntatt fi ħdan il-GPO. Madankollu, il-passi li jmiss lejn l-iffirmar tal-ftehim jiddependu fuq ir-riżultati tal-analiżi kontinwa mill-Eurojust tal-emendi għall-qafas leġislattiv dwar il-protezzjoni tad-dejta (ara s-suġġett 4 dwar il-protezzjoni tad-dejta).

Blokk 3 / suġġett 3 – Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi

- **Il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni adegwat fost l-aġenziji nazzjonali rilevanti u bażi ta' dejta komuni li jggarantixxi aċċess dirett f'kull parti tal-Ukraina**

Is-CPC il-ġdid u l-abbozz ta' liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ġdid introduċew bidliet kbar u b'hekk segwew fuq ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti preċedenti tal-Kummissjoni. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet tkellmu favur ir-reviżjoni tal-kompetenza tal-uffiċċju tal-prosekutur sabiex dan ikun jista' jiġi informat minnufih dwar l-atti kriminali kollha u, jekk ikun hemm bżonn, ikun jista' jikklassifikahom bħala reati kriminali speċifiċi (kriminalità organizzata) u jassenja l-każ lill-aġenzija kompetenti, filwaqt li jżid il-livell ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi.

Inħoloq reġistru unifikat (integrat) ta' investigazzjonijiet qabel il-proċess⁹ li fih għandha tiddaħħal l-informazzjoni ewlenija dwar ir-reati żvelati immedjatament (fi żmien 24 siegħa) ladarba korp tal-infurzar tal-liġi jkun irċieva informazzjoni dwar reat. Investigazzjoni qabel il-proċess tista' tibda mar-reġistrazzjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (GPO) huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-amministrazzjoni ta' dan ir-reġistru. Fil-fażi ta' qabel il-proċess, huwa jista' wkoll jagħti bidu għal attivitajiet investigattivi, jassenja l-każijiet lill-aġenzija kompetenti u jieħu deċiżjonijiet proċedurali, inkluż rigward il-koordinazzjoni tat-talbiet għal assistenza legali internazzjonali. Is-CPC jikkonferma wkoll li għandha tiġi stabbilita unità investigattiva ġdida, imsejħa 'l-Uffiċċju Statali tal-Investigazzjoni'. Din l-unità sejra tkun kompetenti f'investigazzjonijiet li jsiru qabel il-proċess dwar reati kommessi minn uffiċjali li għandhom status partikolari, imħallfin u membri tal-persunal involuti fl-infurzar tal-liġi. Fl-aħħarnett, inħolqot pożizzjoni ġudizzjarja ġdida, jiġifieri dik tal-imħallef inkwirenti. Din il-figura għandha toħroġ permessi għall-attivitajiet investigattivi kollha li jistgħu jillimitaw id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini (arrest, tfittxija fid-dar, interrogazzjoni, eċċ.) u sabiex tiġi eżerċitata s-superviżjoni proċedurali matul l-investigazzjonijiet. Fir-rigward tal-kompetenzi speċifiċi tal-uffiċċju tal-prosekutur fil-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet dwar reati kommessi minn gruppi organizzati, il-GPO huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-attivitajiet investigattivi mwettqa mill-unitajiet investigattivi speċjali li nħolqu fi ħdan il-Ministeru tal-Intern skont il-Liġi dwar il-kriminalità organizzata.

Għall-funzjonament tal-Uffiċċju Statali tal-Investigazzjoni għandhom jiġu adottati atti ulterjuri, li l-iskadenzi għalihom huma stipulati fid-dispożizzjoni finali u tranżitorja tas-CPC. Il-liġi li għandha tiġi adottata dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku hija wkoll essenzjali f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ħolqien ta' bażijiet ta' dejta ċentralizzati li jinkludu informazzjoni dwar reati kommessi minn gruppi organizzati, tajjeb ngħidu li hemm bażijiet ta' dejta separati fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Interni u s-Servizz tas-Sigurtà. Awtoritajiet oħrajn jista' jkollhom aċċess għalihom biss wara li jagħmlu talba formali. Fl-2011 inħarġet ordni mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni u s-Servizz Sigriet li tagħti struzzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-isfera tal-kriminalità organizzata. Hija tirreferi għall-metodi ta' kooperazzjoni (skambju ta' informazzjoni, il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma, analiżi konġunta tal-istat u l-istruttura tar-reati), iżda ma tinkludi ebda perjodu ta' żmien speċifiku, li għandu jiżdied sabiex jiġgarantixxi l-iskambju xieraq u regolari ta' informazzjoni u attività adegwata ta' rapportar.

⁹ Ordni maħruġa mill-GPO fis-17 ta' Awwissu 2012 li tippreskrivi l-proċedura għall-ħażna u ż-żamma tad-dejta.

Ma jeżisti ebda standard universali għall-ħolqien ta' 'bażi ta' dejta komuni': xi pajjiżi għandhom bażi ta' dejta wieħed, filwaqt li oħrajn għandhom bażijiet ta' dejta separati. Madankollu, huwa importanti li jiġu implimentati l-għodod meħtieġa għal konsultazzjoni proattiva dwar il-bażijiet ta' dejta kollha disponibbli msemmija fuq.

- **Il-konklużjoni ta' ftehim operattiv mal-Europol b'enfasi speċjali fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta**

In-negozjati ta' ftehim operattiv mal-Europol jiddependu fuq il-valutazzjoni minn dan tal-aħħar tal-istandards rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta (ara taħt il-punt 4 dwar il-protezzjoni tad-dejta). Min-naħa tal-Europol, il-valutazzjoni għadha għaddejjja. L-Ukraina kkonkludiet żewġ settijiet ta' kwestjonarji (f'Ottubru 2011 u f'Ġunju 2012). Fi żmien qasir, l-Europol ser ikun qiegħed iwettaq missjoni fl-Ukraina, li għandha tkompli tiċċara s-sitwazzjoni attwali.

Blokk 3 / suġġett 4 — Il-protezzjoni tad-dejta

- **L-adozzjoni ta' leġislazzjoni adegwata dwar il-protezzjoni ta' dejta personali u l-ħolqien ta' awtorità indipendenti għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta**

L-Ukraina kellha liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta fis-seħħ minn Jannar 2011, iżda din kellha firxa ta' nuqqasijiet. Barra minn hekk, ma kien hemm ebda awtorità indipendenti għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Għaldaqstant, f'Novembru 2012 u f'Lulju 2013 ġew adottati żewġ emendi fil-Liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta, flimkien ma' xi emendi fil-Liġi dwar l-Ombudsman bil-għan li jiġi fdat b'funzjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta. L-emendi fil-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u fil-Liġi dwar l-Ombudsman għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

Tabilħaqq, sar progress sostanzjali fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati, filwaqt li l-qafas leġislattiv issa huwa konformi b'mod wiesa' mal-istandards Ewropej, inkluż l-*acquis* tal-UE.

L-emendi fil-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta introduċew l-eċċezzjoni essenzjali tal-ipproċessar tad-dejta għal skopijiet artistiċi u ġurnalistiċi, li mhux limitat biss għall-ġurnaliżmu professjonali. Id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta u d-definizzjoni ta' kontrollur tad-dejta ġew iċċarati u s-sistema ta' reġistrazzjoni, li kienet ikkritikata bħala waħda burokratika, ġiet sostitwita b'sistema ta' notifika tal-ipproċessar ta' dejta sensitiva. Madankollu, għandu jiġi żgurat li d-definizzjoni tal-kunsens tas-suġġett tad-dejta terġa' tiddaħħal fil-Liġi, filwaqt li n-notifiki għandhom jintalbu minn qabel l-ipproċessar ta' dejta sensitiva u mhux wara, kif inhu stipulat bħalissa. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lejn l-iżgurar tal-bilanċ ġust bejn il-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-privatezza. Għal dan il-għan, interpretazzjoni xierqa tal-aċċess ristrett għad-dejta personali sejra tkun kruċjali wkoll sabiex ikun evitat li l-aċċess għall-informazzjoni pubblika jiġi affettwat b'mod negattiv.

Fir-rigward tal-qafas istituzzjonali, inħolqot awtorità indipendenti għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta li tafda dan il-kompitu lill-Ombudsman, li l-indipendenza tiegħu hija garantita mit-termini tal-ħatra u t-tkeċċija tiegħu u baġit separat. Is-setgħat tal-Ombudsman

huma definiti sewwa fil-Liġi (li jinforma, jirċievi ilmenti, jinvestiga, jirrapporta każijiet ta' ksur lill-qorti, jimmonitorja Prattiki ġodda, jistabbilixxi l-kategoriji tal-ipproċessar tad-dejta li għandhom jiġu nnotifikati, jadotta r-rakkomandazzjonijiet, eċċ.). Madankollu, il-kompetenza tiegħu għandha tiġi estiża għas-settur privat. Is-Servizz tal-Protezzjoni tad-Dejta, li ilu fis-seħħ mill-2011, sejjer jiġi abolit. F'Settembru ta' din is-sena ġiet adottata ordni konġunta tal-Ombudsman u tal-Ministru tal-Ġustizzja, li tinkludi Pjan ta' Azzjoni li jindika l-miżuri meħtieġa għat-trasferiment amministrattiv tal-kompetenzi lill-Ombudsman. Wieħed għad irid jara kif ser jiġu żgurati r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa u kif sejra tiżdied il-kapaċità tal-Ombudsman sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-kompitu ġdid tiegħu. Intant, qabel l-aħħar ta' din is-sena għadhom iridu jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni ulterjuri. Barra minn hekk, bħalissa għaddejja konsultazzjoni bejn is-servizzi dwar abbozz ta' liġi ġdid li jestendi s-setgħat tal-Ombudsman għas-settur privat u li jinkludi l-kunċett tal-kunsens tas-suġġett tad-dejta personali.

- **Ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' dejta personali u l-Protokoll tal-2001**

L-Ukraina diġà rratifikat kemm il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1981 għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' dejta personali, kif ukoll il-Protokoll Addizzjonali tal-2001 rigward l-awtoritajiet superviżorji u l-flussi tad-dejta transfruntiera, li daħlu fis-seħħ fil-pajjiż mill-1 ta' Jannar 2011.

Blokk 4: Ir-relazzjonijiet esterni u d-drittijiet fundamentali

Valutazzjoni ġenerali

L-Ukraina għamlet progress fil-Blokk 4 dwar **ir-relazzjonijiet esterni u d-drittijiet fundamentali**. B'mod partikolari, hija indirizzat il-kwistjoni tal-ħruġ mhux diskriminatorju tad-dokumenti tal-identità għar-refuġjati u għall-persuni apolidi, billi estendiet b'mod adegwat il-perjodu ta' validità tagħhom. Hija adottat Liġi dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Hija adottat ukoll Strateġija u Pjan ta' Azzjoni dwar l-inklużjoni soċjali tal-minoranza Roma. Barra minn hekk, hija ssimplifikat il-proċeduri tar-reġistrazzjoni u tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni għar-residenza.

Il-leġiżlazzjoni **kontra d-diskriminazzjoni**, li ġiet adottata f'Settembru 2012, tirrappreżenta pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda xorta waħda għadha mhijiex komprensiva biżżejjed. B'mod partikolari, iċ-ċertezza legali għadha insuffiċjenti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi, b'mod partikolari, dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tas-sessi u l-orjentazzjoni sesswali, b'attenzjoni speċjali għall-aċċess għall-impjiegi u t-taħriġ vokazzjonali. Barra minn hekk, fin-nuqqas tal-inverżjoni tal-piż tal-prova u minħabba n-

nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kumpens, id-drittijiet tal-vittmi mhumiex protetti b'mod adegwat.

Filwaqt li ġew adottati xi dokumenti (Strateġija u Pjan ta' Azzjoni) dwar l-inklużjoni tal-**minoranza Roma** li jipprovdu qafas politiku speċifiku u li jixprunaw ċerta mainstreaming f'dan ir-rigward, tali dokumenti għandhom bosta nuqqasijiet.

Il-proċeduri ta' **reġistrazzjoni** u tneħħija tar-reġistrazzjoni għar-residenza, minkejja li ttejbu, għandhom jistgħu jippreżentaw xi diffikultajiet għal gruppi vulnerabbli.

Kummenti ddettaljati

Blokk 4 / suġġett 1 – Il-libertà tal-moviment fi ħdan l-Ukraina

- **Ir-reviżjoni tal-qafas legali u regolatorju dwar il-proċeduri tar-reġistrazzjoni u tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni għaċ-ċittadini Ukraini u s-soġġorn legali għall-barranin jew għall-persuni apolidi bil-għan li jiġu evitati restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq, jew obbligi relatati mal-libertà tal-moviment tagħhom fi ħdan l-Ukraina, b'referenza speċjali għall-kondizzjonijiet għal soġġorn legali mingħajr reġistrazzjoni tar-residenza u l-miżuri meħuda għan-nuqqas ta' reġistrazzjoni, kif ukoll ir-responsabbiltà tal-kerrejja**

Il-Liġi dwar l-emendi f'ċerti liġijiet tal-Ukraina, li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tar-residenza u l-post ta' residenza tal-persuni fl-Ukraina, daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Awwissu 2012.

Taħt il-qafas legali l-ġdid, is-sistema ta' reġistrazzjoni tar-residenza tpoġġiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-Servizz tal-Immigrazzjoni tal-Istat (SMS), Aġenzija tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni maħluqa f'Diċembru 2010 (Digriet Nru 1085/2010 tal-President tal-Ukraina datat id-9 ta' Diċembru 2010; Digriet Nru 405/2011 tal-President tal-Ukraina datat is-6 ta' April 2011) sabiex tiegħu r-responsabbiltà għal firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mal-politika tal-immigrazzjoni u l-ażil u mar-reġistrazzjoni ta' individwi.

Il-qafas legali l-ġdid introduċa ċertu titjib immirat biex jagħmel il-proċedura ta' inqas piż, aktar effikaċi u aktar effiċjenti. B'kuntrast mar-regolament l-antik, ir-reġistrazzjoni issa qiegħda ssir dakinhar li l-individwu jissottometti n-notifika rilevanti lill-uffiċċju tal-SMS. Fi kliem ieħor, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni mill-post ta' residenza preċedenti u r-reġistrazzjoni fil-post ġdid ta' residenza issa ssir b'mod simultanju, fl-istess ġurnata. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni tista' titwettaq mhux biss mill-persuna kkonċernata nnifisha, iżda wkoll minn rappreżentant legali. Il-possibbiltà għar-reġistrazzjoni ġiet estiża wkoll għal każijiet fejn il-persuna tkun tgħix f'istituzzjoni soċjali speċjalizzata (djar ta' kura, boarding schools, ċentri ta' riabilitazzjoni, eċċ.) u mhux biss għal min jgħix f'appartamenti u djar privati.

Bħala kondizzjoni għar-reġistrazzjoni, ir-rekwiżit tat-trasferiment tal-pussess ta' titolu legali lil art jew unità ta' akkomodazzjoni jew ftehim ma' sid il-kera għadu fis-seħħ. It-tfassir tar-reġistrazzjoni ta' residenza jista' jitwettaq fuq il-bażi ta' applikazzjoni individwali, ċertifikat tal-mewt, ordni tal-qorti dwar il-privazzjoni tas-sjieda jew l-użu ta' abitazzjoni, iżda wkoll fuq it-talba tas-sid tar-residenza fejn ftehim ta' kiri jkun skada. Dan jista' joħloq diffikultajiet fil-kisba jew iż-żamma ta' reġistrazzjoni għall-persuni li jappartjenu għal kategoriji vulnerabbli bħal refuġjati jew membri tar-Roma li jgħixu f'insedjamenti informali, biex b'hekk tinħoloq il-ħtieġa għal azzjoni korrettiva f'dan ir-rigward. Il-possibbiltà għall-persuni bla dar li jirreġistraw permezz ta' ċentri tal-kura soċjali tista' ma tindirizzax il-ħtiġijiet ta' dawn il-gruppi biżżejjed.

Skont il-Liġi dwar il-libertà tal-moviment¹⁰, ir-reġistrazzjoni tal-post ta' residenza tal-persuna jew in-nuqqas tagħha ma jistgħux ikunu l-bażi għall-eżerċitar tad-drittijiet u l-libertajiet inkorporati fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-Ukraina u fit-trattati internazzjonali li jorbtuhom, jew raġuni għar-restrizzjoni tagħhom. Madankollu, fil-prattika, il-konferma ta' reġistrazzjoni ġeneralment tkun rekwiżit għall-kisba ta' aċċess għall-kura medika, ir-reġistrazzjoni tat-tfal fl-iskola u l-kisba ta' pensjonijiet jew benefiċċji soċjali, u l-individwi jistgħu jiffaċċjaw problemi bl-aċċess għal dawn id-drittijiet soċjali fundamentali meta jkunu bogħod mill-post irreġistrat ta' residenza tagħhom. Għalhekk, din il-prattika għandha tiġi riveduta fil-fażi tal-implimentazzjoni.

B'mod ġenerali, il-Liġi dwar il-libertà tal-moviment u r-regolamenti legali relatati jagħtu lill-barranin drittijiet u responsabbiltajiet ugwali għal daww mogħtija liċ-ċittadini Ukraini (b'xi eċċezzjonijiet), bil-kondizzjoni li l-persuna barranija jew apolida jkollha status legali fl-Ukraina li jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-ażil. Persuni barranin li jgħixu fl-Ukraina huma legalment mitluba jirreġistraw il-post ta' residenza tagħhom fi żmien 10 ijiem mill-wasla tagħhom fil-post ta' residenza l-ġdid, limitu ta' żmien li komunement jiġi interpretat bħala li jibda minn dak inhar li jinħareġ il-permess legali mill-awtoritajiet kompetenti.

Blokk 4 / suġġett 2 – Il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ tad-dokumenti tal-identità

- **Ir-reviżjoni tal-qafas legali u regolatorju sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għad-dokumentazzjoni tal-identità u l-ivvjaġġar mingħajr diskriminazzjoni u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli**

L-awtoritajiet Ukraini segwew fuq ir-rakkomandazzjoni li saret fit-Tieni Rapport ta' Progress li ma jillimitawx b'mod li ma jkunx raġonevoli il-perjodu ta' validità tad-dokumenti ta' residenza permanenti għall-persuni apolidi, tad-dokumenti interni tar-refuġjati u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar. Fl-2012 saru emendi fil-leġiżlazzjoni sabiex iċ-ċertifikat tar-refuġjati

¹⁰ Il-Liġi 1382-IV ta' Diċembru 2003 dwar il-libertà tal-moviment u l-għażla ħielsa tal-post ta' residenza fl-Ukraina.

jsir validu għal ħames snin u sabiex jiġi żgurat li d-dokument tal-ivvjaġġar tar-refuġjati (Dokument tal-Ivvjaġġar skont il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati) jinħareġ għall-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tar-refuġjati, bil-kondizzjoni li ċ-ċertifikat jinħareġ għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin (l-Artikolu 34(5)). Dawn id-dispożizzjonijiet issa huma konformi b'mod sħiħ ma' dawk tal-Liġi dwar ir-Refuġjati tal-2011. Għandhom isiru l-aġġustamenti meħtieġa fir-rigward tal-istatus tal-protezzjoni kumplimentarja u sabiex jiġu evitati d-diffikultajiet fit-tgawdija sħiħa ta' drittijiet usa' assoċjati mal-istatus tal-protezzjoni kumplimentarja.

Blokk 4/ suġġett 3 – Id-drittijiet taċ-ċittadini, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi

- **L-adozzjoni ta' leġislazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni, kif irrakkomandata mill-korpi ta' monitoraġġ tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa, bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni**

F'Settembru 2012, l-Ukraina adottat il-Liġi dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, liġi qafas li għandha tipprovdi l-istrumenti meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni. Anki jekk l-adozzjoni tal-Liġi tirrappreżenta progress, hija ma tissodisfax ir-rekwiżiti Ewropej u internazzjonali kollha. B'mod partikolari, hija ma tipprovdi biżżejjed ċertezza legali fir-rigward tal-projbizzjoni fuq id-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tas-sessi u l-orjentazzjoni sesswali. Il-Liġi lanqas ma kkontribwiet għat-titjib tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi minħabba li l-inverżjoni tal-piż tal-prova baqgħet ma ġietx introdotta. Barra minn hekk, ċerti forom ta' diskriminazzjoni huma neqsin minn definizzjonijiet, b'mod partikolari s-segregazzjoni, il-vittimizazzjoni u d-diskriminazzjonijiet multipli. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati b'tali mod li jipprovdi ċertezza legali inkonfutabbli. Barra minn hekk, għandhom jiġu ċarati kemm kwistjonijiet ta' ambitu (jiġifieri jekk tapplikax ukoll għas-settur privat, jekk humiex koperti l-aspetti kollha tad-drittijiet tax-xogħol, inklużi t-taħriġ vokazzjonali u l-parteċipazzjoni fuq l-organizzazzjoni tal-ħaddiema), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità. F'Marzu 2013, il-gvern ressaq quddiem il-parlament emendi għal-Liġi li, fost l-oħrajn, jinkludu projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali fl-impjiegi u li indirizzaw il-kwistjoni tal-piż tal-prova. Madankollu, il-proposta ma tressqitx għal votazzjoni matul is-sessjonijiet parlamentari tar-rebbiegħa jew tal-ħarifa.

Għalkemm l-Ombudsman inħatar bħala l-istituzzjoni b'responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni, huwa ma għandu ebda setgħa legali sabiex jittratta inċidenti ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw bejn individwi jew bejn individwi u entitajiet legali. L-Ukraina ħabbret li emenda leġislattiva għandha tagħti s-setgħa lill-Ombudsman sabiex jittratta każijiet ta' diskriminazzjoni bejn ċittadini u/jew bejn ċittadini u entitajiet korporattivi jew entitajiet legali privati. Din l-emenda għadha trid tiġi adottata.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni sejra ssegwi wkoll mill-qrib kwalunkwe żvilupp ulterjuri fuq l-abbozz ta' liġijiet pendenti 0711 (sussegwentement 0945), kif ukoll 0290, billi tiegħu f'kunsiderazzjoni t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni ta' Venezja fl-opinjoni tagħha¹¹.

- **Is-segwitu b'mod attiv tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-OSCE/ODIHR, tal-Kunsill tal-Ewropa/ECRI u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem fl-implimentazzjoni ta' linji politiċi dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-minoranzi u l-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda**

L-Ukraina rratifikat il-Konvenzjoni ta' Qafas għall-protezzjoni ta' minoranzi nazzjonali f'Mejju 1998 u l-Karta Ewropea għal-lingwi reġjonali jew minoritarji f'Jannar 2006. Barra minn hekk, f'Ġunju 2012, hija adottat il-Liġi dwar il-prinċipji tal-politika rigward il-lingwa tal-Istat.

Sabiex issegwi fuq ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti li għamlet il-Kummissjoni fl-aħħar rapport ta' Progress tagħha, f'April u f'Settembru 2013, rispettivament, l-Ukraina adottat Strateġija u Pjan ta' Azzjoni dwar l-inklużjoni tal-minoranza Roma. Minkejja li ż-żewġ dokumenti ġew diskussi mas-soċjetà ċivili lokali, huma ma kinux soġġetti għal konsultazzjoni mal-OSCE u mal-Kunsill tal-Ewropa qabel ġew adottati, filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet ewlenin li saru mis-soċjetà ċivili ma ġewx inklużi fit-test approvat. Sabiex tiġi segwita politika ġenwina f'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' xenarju ta' referenza aktar żviluppat b'definizzjoni tal-problema kkwantifikata (pereżempju; estimi ta' dawk l-individwi Roma mingħajr dokumenti u estimi tat-tfal Roma li mhumiex qegħdin jingħataw l-edukazzjoni). Barra minn hekk, il-miżuri u l-iskeda ta' żmien għandhom jiġu spjegati f'aktar dettall, filwaqt li għandhom jiġu żgurati riżorsi adegwati flimkien mal-involviment ġenwin tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' implimentazzjoni. Bil-għan li jiġi żgurat segwitu adegwat ta' dawn id-dokumenti ta' politika, jeħtieġ li jiġu stabbiliti korpi ta' koordinazzjoni b'saħħtu u mekkaniżmu ta' monitoraġġ fil-fażi tal-implimentazzjoni. Bħalissa, l-unità inkarigata mill-politika dwar ir-Roma tagħmel parti mill-Ministeru tal-Kultura, filwaqt li ħafna kwistjonijiet ewlenin fil-qasam tal-politika soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma fil-kompetenza ta' dipartimenti ministerjali oħrajn.

L-Ukraina rratifikat il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità tat-13 ta' Diċembru 2006, li daħlet fis-seħħ għall-Ukraina fl-4 ta' Frar 2010. L-Ukraina adottat serje ta' miżuri leġiżlattivi rigward l-aċċessibbiltà ta' postijiet u servizzi pubbliċi.

- **Ratifika tal-istrumenti rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni**

¹¹ Ara l-Opinjoni 707/2012 maħruġa mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa fit-18 ta' Ġunju 2013.

L-Ukraina hija parti għall-biċċa l-kbira tat-testi tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Jeħtieġ li jiġu ddedikati aktar sforzi sabiex tittejjeb il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u sabiex il-leġiżlazzjoni eżistenti ssir konformi mad-dispożizzjonijiet tat-trattati u tal-konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati, kif deskritt f'aktar dettall hawn fuq.

- **L-ispeċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi għall-akkwist taċ-ċittadinanza Ukraina**

Il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi għall-akkwist taċ-ċittadinanza Ukraina huma stabbiliti mill-Liġi dwar iċ-ċittadinanza tal-Ukraina li ġiet adottata fit-18 ta' Jannar 2001. L-Ukraina adottat il-prinċipju ta' ċittadinanza unika. Il-Liġi tippromwovi l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi taċ-ċittadini Ukraini, irrispettivament mill-motivi, l-ordni u d-data tal-akkwist taċ-ċittadinanza tagħhom. Minn din il-perspettiva, il-Liġi hija konformi mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar in-nazzjonalità, li daħlet fis-seħħ fis-sena 2000. Fl-2006, l-Ukraina ffirmat, iżda għadha ma rratifikatx, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-evitar tal-apolidija fir-rigward tas-suċċessjoni tal-Istat.

III. Valutazzjoni ġenerali u l-passi li jmiss

B'konformità mal-metodoloġija stabbilita, il-Kummissjoni vvalutat kontinwament u rrapportat regolarment (l-Ewwel Rapport f'Settembru 2011; it-Tieni Rapport fi Frar 2012) dwar l-issodisfar mill-Ukraina tal-parametri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża (VLAP), abbażi tal-informazzjoni u t-testi tal-leġiżlazzjoni adottata pprovduta mill-Ukraina, flimkien mal-missjonijiet ta' valutazzjoni mwettqa fuq il-post mill-Kummissjoni u mill-persunal tal-EEAS akkumpanjati minn esperti mill-Istati Membri.

Minbarra dan il-proċess ta' rapportaġġ intensiv għall-VLAP, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-progress li sar mill-Ukraina f'oqsma rilevanti tal-VLAP fil-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-UE u l-Ukraina, il-Kumitat ta' Riammissjoni bejn l-UE u l-Ukraina u s-Subkumitat Nru 3 bejn l-UE u l-Ukraina. F'kull wieħed minn dawn il-kumitati, l-istat ta' djalogu u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina huwa meqjus bħala avvanzat.

Id-Djalogu bejn l-UE u l-Ukraina dwar il-Viża kompli jkun għodda importanti u effettiva għall-avvanz tar-riformi fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u lil hinn. Il-valutazzjoni sabet li l-Ukraina għamlet **progress sostanzjali fl-erba' blokk kollha tal-VLAP** u b'mod partikolari mill-aħħar tal-2012, fejn bdiet tħaffef fl-implimentazzjoni tagħha u tadotta numru ta' pakketti leġiżlattivi sostanzjali bil-għan li tindirizza l-lakuni identifikati. Madankollu, xorta għad hemm xi rekwiżiti importanti tal-ewwel fażi li jridu jiġu ssodisfati. Fir-rigward tas-

sigurtà tad-dokumenti, jeħtieġ li l-użu tal-marki tas-swaba' bħala karatteristika bijometrika obbligatorja għall-passaporti jiġi kkjarifikat aktar fil-liġi. Fil-qasam tal-**ażil**, jeħtieġ li jsiru ċerti aġġustamenti b'attenzjoni partikolari kemm għall-protezzjoni temporanja u sussidjarja, kif ukoll għall-kura medika f'każ ta' emerġenza għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil. Fil-qasam tal-**għieda kontra l-korruzzjoni**, il-leġislazzjoni għandha bżonn tissaħħaħ aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' sanzjonijiet dissważivi għas-settur privat, l-iżgurar ta' kontrolli imparzjali fuq id-dikjarazzjonijiet tal-assi, it-tisħiħ tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-istipular ta' regoli xierqa dwar l-immunità. Fl-aħħarnett, jeħtieġ li l-qafas leġislativ dwar **il-għieda kontra d-diskriminazzjoni** jissaħħaħ aktar sabiex tiġi pprovduta protezzjoni legali adegwata kontra d-diskriminazzjoni skont l-istandards Ewropej u internazzjonali. Huwa mistenni li tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar il-passi li mistennija jittieħdu sabiex jiġi ffinalizzat il-qafas istituzzjonali u leġislativ tal-protezzjoni tad-dejta.

Il-Kummissjoni sejra tkompli taħdem f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet Ukraini sabiex tindirizza mingħajr dewmien il-kwistjonijiet pendenti li ġew identifikati hawn fuq bil-ħsieb li mbagħad tikkomunika mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill ladarba jkunu ġew adottati l-miżuri kollha meħtieġa mill-ewwel fażi tal-VLAP.